- *Soprassessjoni mitluba f'kawża kostituzzjonali wara kawża kostituzzjonali oħra minħabba nuqqas ta' rikuża fl-ewwel kawża*
*-preġudizzju li ma jistax jissewwa*

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. Prim Imħallef Joseph Azzopardi LL.D.**
**Onor. Imħallef Robert G. Mangion LL.D.**
**Onor. Imħallef Grazio Mercieca LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 29 ta' Marzu 2019**

**Numru 2**

**Rik. Nru 65/2017/2 AF**

**Annetto Farrugia**

**vs**

**Avukat Ġenerali u b'digriet tal-21 ta' Marzu 2018 il-Qorti ordnat li tissejjaħ fil-kawża *Olive Gardens Investments Limited***

Il-Qorti:

Rat ir-Rikors tal-Appell ta' Olive Gardens Investments Limited li permezz tiegħu qiegħdha titlob it-tħassir tad-digriet tal-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) tad-9 ta' Jannar 2019 li laqa' t-talba ta' Annetto Farrugia kontenuta f'rikors tat-3 ta' Diċembru 2018 biex tissoprassjedi in vista tar-rikors kostituzzjonali numru 115/2018 u minflok tiċħad it-talba ivi dedotta;

Rat ir-Risposta tal-Appell ta' Annetto Farrugia li permezz tagħha oppona t-talba tal-appellant għar-raġunijiet ivi dedotti;

Rat ir-Risposta tal-Appell tal-Avukat Ġenerali li rrimetta ruħu għall-ġudizzju ta' din il-Qorti;

Semgħet it-trattazzjoni bil-fomm tal-abbli avukati tal-partijiet waqt l-udjenza tad-19 ta' Frar 2019;

Ikkunsidrat:

Illi d-digriet *de quo agitur* sar wara li l-Onorevoli Mħallef sedenti fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, sede Kostituzzjonali, ċaħdet talba minn Annetto Farrugia biex

tirrikuża ruħha u dan fetaħ il-kawża numru 115/2018 fuq imsemmija biex jattakkah abbażi ta' ksur ta' smiegħ xieraq;

Illi l-punt ta' tluq għall-kunsiderazzjoni ta' din il-vertenza hu li huwa prinċipju sagrosant tal-proċedura ċivili li kawża għandha tinstema' sa ma tinqata'. Dan ifisser li kull provvediment ta' soprasessjoni hu miżura **eċċezzjonalissima** billi jiffrena l-andament normali ta' kif għandhom jimxu l-kawżi sabiex ikun jista' tabilħaqq isaltan id-Dritt. Għalhekk hija prassi kostanti tal-Qrati tagħna li jissoprassjedu biss meta:

(i) jkun neċessarju fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja[1]

(ii) jkun spedjenti[2]

(iii) il-kawża tkun tiddependi mis-soluzzjoni ta' xi punt trattat f'kawża oħra[3]

(iii) il-parti l-oħra ma tkunx sejra tbati preġudizzju;

Illi kif osservat din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **General Workers' Union v L-Avukat Generali[4]** :

> "Din il-Qorti tapprezza illi jkun ta' ostakolu għall-effiċjenza tal-ġustizzja u tal- amministrazzjoni pubblika jekk, malli titressaq kawża b'allegazzjoni li

[1] Vol XL1.i.507
[2] Vol XXXIX.i.467 Galea vs Galea u App.Civ. Cassar vs Xuereb 12.3.73
[3] Vol XLVI.ii.591
[4] Qorti Kostituzzjonali 12.02.2016 Rik. Nru 19/08 AF

> l- proċess quddiem tribunal jew korp imwaqqaf b'liġi huwa bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, dak it-tribunal jew korp ma jkunx jista' jibda jwettaq id-dmirijiet tiegħu qabel tinqata' dik il-kawża jekk il-Prim'Awla wisq faċilment tagħżel li tinqeda bis-setgħat kostituzzjonali tagħha flok tistenna li jintemmu l-proċeduri quddiem dak it-tribunal jew korp biex tqis il-proċess fl-intier tiegħu[5]";

Illi m'għandu jkun hemm l-ebda dubbju li, jekk il-Qrati jissoprassjedu b'mod regolari – jekk mhux ukoll awtomatiku - f'każi bħal dawn, il-litigant *in mala fede* li jkun irid itawwal indefinittivament il-kawżi jingħata opportunita` tad-deheb biex jiġġammja l-ingranaġġ tal-proċess ġudizzjarju li qiegħed hemm biex iwettaq ġustizzja bl-ikbar ħeffa prattikabbli – għan li jekk ma jintlaħaqx isarraf fi ksur tal-jedd għal smiegħ fi żmien raġonevoli għall-kontroparti – li huwa wkoll jedd fundamentali tal-bniedem;

Illi għalhekk biex issir soprassessjoni ta' kawża jrid ikun hemm raġuni iktar impellenti mill-fatt innifsu li l-proċedura tat-tribunal jew Qorti tkun qiegħedha tiġi attakkata b'nuqqas ta' smiegħ xieraq: fil-fehma ta' din il-Qorti, irid jiġi ppruvat ukoll li t-tkomplija tal-istess smiegħ tkun sejra tikkaġuna <u>preġudizzju li ma jistax jissewwa</u> lil min jitlob ir-rimedju straordinarju tas-soprassessjoni. Fil-każ preżenti, jekk l-Ewwel Onorabbli Qorti tkompli tisma' l-kawża, ma jkun hemm xejn x'iżomm lill-Qorti li tisma' l-kawża dwar ir-rikuża biex tagħti

---

5 Ara e.g. Joseph Fenech v. Awtorita` tal-Ippjanar et, Kost. 9 ta' Novembru 2012

rimedju xieraq fil-każ li ssib li n-nuqqas ta' rikuża jsarraf fi ksur ta' xi jedd fundamentali; inkluż it-tħassir tal-proċeduri nfushom;

Illi barra minn hekk, dak li qegħed jattakka Annetto Farrugia Annetto Farrugia huwa l-operat tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha minħabba allegat nuqqas ta' smiegħ xieraq hi u tisma' l-kawża kostituzzjonali minnu stess istitwita quddiemha ukoll dwar allegat nuqqas ta' smiegħ xieraq fil-proċeduri li bdew fis-sena 2005 u wasslu għas-sentenzi tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tat-31 t'Ottubru 2014 u tal-28 ta' Ġunju 2016 rispettivament. Kjarament dan ma jistax ma jwassalx għal preġudizzju kbir għall-imsejjħin fil-kawża li madwar sentejn u nofs wara li kisbu ġudikat mill-ogħla Qorti ordinarja u erbatax-il sena wara li bdew il-kawża tagħhom biex jieħdu sentenza isibu l-pronunzjament definittiv favurihom, li suppost iġib iċ-ċertezza lill-pożizzjoni legali tagħhom, imqiegħed huwa nnifsu f'limbu Kafkesk permezz ta' proċeduri ta' natura kostituzzjonali huma stess poġġuti fid-dubbju u fi stat ta' sospensjoni minħabba proceduri kostituzzjonali oħra;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħdha tilqa' l-appell, tħassar id-digriet mogħti mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-ġurisdizzjoni

kostituzzjonali tagħha tad-9 ta' Jannar 2019 fl-atti tar-rikors fl-ismijiet premessi u tiċħad it-talba tal-appellat Annetto Farrugia kif dedotta fir-rikors tiegħu tat-3 ta' Diċembru 2018 bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb